

Brussell, 28 ta' Marzu 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0197(COD)

6740/3/23
REV 3

CODEC 247
CLIMA 96
ENV 167
TRANS 70
MI 135

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta¹ tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Jannar 2022².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' Jannar 2022³.
4. Fl-14 ta' Frar 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ Id-dokument 10906/21 - COM(2021) 556 final.

² ĠU C 194, 12.5.2022, p. 81.

³ ĠU C 270, 13.7.2022, p. 38.

⁴ Id-dokument 6421/23.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 66/22, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bil-Polonja tivvota kontra u l-Bulgarija, l-Italja u r-Rumanija jastjenu.
6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-ADD 1 REV 3 għal din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
